

31990D0256

8.6.1990

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 145/35

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
ta' l-10 ta' Mejju 1990**

li tistabbilixxi metodi għall-munitraġġ tal-kapaċità u għall-valutazzjoni tal-valur ġenetiku tan-ngħaġ u tal-mogħoż tat-tgħammir ta' razza pura.

(90/256/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 89/361/KEE tat-30 ta' Mejju 1989 li tikkonċerna ngħaġ u mogħoż tat-tgħammir ta' razza pura ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tielet inċiż ta' l-Artikolu 4 tagħha,

Billi l-metodi għal-munitraġġ tal-kapaċità u għall-valutazzjoni tal-valur ġenetiku tan-ngħaġ u mogħoż tat-tgħammir ta' razza pura diġà applikati fl-Istati Membri huma ħafna l-istess;

Billi hu għalhekk neċessarju biex tqarreb kemm jista' jkun ir-regoli dettaljati fuq dawn il-metodi sabiex ir-riżultati jkunu komparabbli;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq iż-Żuteknika,

Artikolu 1

Il-metodi ta' munitraġġ tal-kapaċità u l-assessjar tal-valur ġenetiku tan-ngħaġ u mogħoż tat-tgħammir ta' razza pura għandha tkun kif stabbilita fl-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Mejju 1990.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membri tal-Kummissjoni

(1) ĠU L 153, tas-6.6.1989, pġ. 30.

ANNEX

Il-mertu ġenetiku tan-ngħaġ u mogħoż tat-tgħammir ta' razza pura għandu jkun kalkulat billi tuża wieħed jew kombinazzjoni tal-metodi li ġejjin. Id-*data* kollha li tirriżulta mit-testijiet trid tkun aċċessibbli lill-awtorità kompetenti. Ir-riżultati finali għandhom ikunu aċċessibbli.

I. Testjar tal-kapaċità**1. Testjar tal-kapaċità fuq stazzjon**

- (a) L-isem ta' l-entità jew l-awtorità responsabbli għall-istazzjoni u l-isem ta' l-awtorità responsabbli għall-kalkulazzjoni u l-pubblikazzjoni tar-riżultati għandhom jingħataw.
- (b) Id-disinn tat-test għandu jkun magħruf.
- (ċ) L-affarijiet li ġejjin għandhom ikunu magħrufa b'mod ċar:
 - kondizzjonijiet għall-aċċetazzjonijiet fi stazzjon u ta' età massima partikolari jew ta' piż ta' annimali żgħar tat-tgħammir fil-bidu tat-test u n-numru t'annimali,
 - it-tul tal-perjodu tat-test fl-istazzjon u l-piż finali,
 - tip ta' dieta u sistema biex titma.
- (d) Il-karatteristiċi rekordjati (per eżempju piż ħaj, konverżjoni ta' l-ikel, stimatur tal-komposizzjoni tal-ġisem, produzzjoni tal-ħalib, komposizzjoni tal-ħalib, kwalità tal-produzzjoni tas-suf jew kwalunkwe data rilevanti oħra) għandha tkun magħrufa.
- (e) Il-metodu użat għall-istima tal-mertu ġenetiku jrid ikun xjentifikament aċċettabbli skond il-prinċipji żutekniċi stabbiliti. Il-mertu ġenetiku tat-testjar ta' l-annimali tat-tgħammir jrid ikun magħruf bħala l-valur tat-tgħammir jew tqabbil kontemporanju ta' kull karatteristika.

2. Testjar ta' kapaċità frazzett

Test ta' kapaċità għandu jsir fuq razzett dejjem jekk fl-aħħar tat-test tal-mertu ġenetiku jkun kalkulat wara l-prinċipji żutekniċi stabbiliti.

II. Monitoraġġ tal-ħalib u stima tal-valur ġenetiku għall-annimali ta' sess femminil għall-karatteristiċi tal-ħalib.

1. L-isem ta' l-entità jew ta' l-awtorità responsabbli għat-testjar u l-isem ta' l-awtorità responsabbli għall-kalkulazzjoni u l-pubblikazzjoni tar-riżultati għandhom ikunu mogħtija.
2. Id-disinn tat-test għandu jkun magħruf.
3. Il-karatteristiċi rrekordjati skond in-normi stabbiliti fil-Kumitat Internazzjonali għar-rekordjar roduttiv ta' l-annimali tal-ħalib (per eżempju produzzjoni tal-ħalib, komposizzjoni tal-ħalib jew kwalunkwe data rilevanti oħra) għandha tkun magħrufa.
4. *Data* tal-ħalib użati fid-determinazzjoni tal-mertu ġenetikali ta' l-annimali ta' sess femminil iridu:
 - jkollhom x'jaqsmu ma' perjodu ta' żmien li jaqbel man-normi stabbiliti mill-Kumitat Internazzjonali għar-rekordjar tal-produttività ta' l-annimali tal-ħalib;
 - jkunu aġġustati għal kwalunkwe influwenzi ambjentali importanti.
5. Il-metodu użat għall-mertu ġenetiku stimat irid ikun xjentifikament aċċettabbli skond il-prinċipji żutekniċi stabbiliti. Il-mertu ġenetiku tat-testjar ta' l-annimali tat-tgħammir irid ikun magħruf bħala l-valur tat-tgħammir jew tqabbil kontemporanju ta' kull karatteristika.

III. Proġenija u/jew testjar kollaterali

1. L-isem ta' l-entità jew ta' l-awtorità responsabbli għat-testjar u l-isem ta' l-awtorità responsabbli għall-kalkulazzjoni u l-pubblikazzjoni tar-riżultati għandhom ikunu mogħtija.
2. Il-mertu ġenetiku ta' l-annimali li jnisslu għandu jkun kalkulat bl-assessjar tal-kwantitajiet ta' numru ta' proġenija xierqa u, fejn jixraq, kollaterali in relazzjoni ma':
 - (a) produzzjoni tal-laħam jew karatteristiċi tat-tgħammir:
 - diskrezzjoni dettaljata tal-metodu ta' testjar irid ikun mogħti jew kwotat,
 - il-proġenija u/jew il-kollaterali ma jridux ikunu trattati sellettivament
 - tliet tipi ta' proġenija u/jew testijiet kollaterali għandhom ikunu rikonoxxuti:

- (i) testjar ċentrali f'proġenija u/jew stazzjon ta' testjar kollaterali;
 - (ii) proġenija maħduma u/jew testjar kollaterali f'razzett. Il-proġenija u/jew il-kollaterali għandhom ikunu mqassmin fost il-merħliet b'tali mod li tqabbil validu bejn l-annimali tat-tgħammir ikun possibbli;
 - (iii) *data* miġbura fuq proġenija identifikata u/jew karkassi kollaterali;
- (b) karatteristiċi tal-ħalib:
- id-disinn tat-test għandhom jkunu magħrufa,
 - in-ngħaġ jew il-mogħoż ma jridux jkunu trattati selettivament,
 - il-prodotti tal-ħalib u l-komposizzjoni tal-ħalib għandha tkun inkluża għall-kalkulazzjoni tal-mertu ġenetiku.
3. Il-proġenija u/jew kollaterali jridu jkunu magħżula b'mod imparzjali. Id-*data* rilevanti kollha trid tkun użata fl-assessjar tal-mertu ġenetiku ta' l-annimali tat-tgħammir. Influwenzi għajr il-karatteristiċi ġenetiċi jridu jkunu eliminati permezz ta' proċeduri xierqa fid-determinazzjoni tal-valur tat-tgħammir.
4. Il-karatteristiċi rreġistrati (per eżempju piż ħaj, konverżjoni ta' l-ikel, kwalità tal-karkassi, produzzjoni tal-ħalib, komposizzjoni tal-ħalib, kwalità tal-produzzjoni tas-suf, karatteristiċi tar-riproduzzjoni, fertilità, prolifiċità, vijabilità tal-proġenija u/jew kollaterali jew kwalunkwe data rilevanti) jridu jkunu magħrufa.
5. Il-metodu użat għall-mertu ġenetiku stimat irid ikun xjentifikament aċċettabli skond il-prinċipji żutekniċi stabbiliti.
-